MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Numru. 158/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Peter Lee Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat Peter Lee Sammut detentur tal-karta tal-identita bin-numru 391194M u li ġie mixli talli f'xi ġranet matul ix-xahar t'Awissu 2013 f'dawn il-gżejjer

Irrenda ruħu kompliċi ta' reat billi b'xi mod li kien xjentement, għen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ġie ppreparat jew kien ikkunsmat;

Sabiex jikseb vantaġġ għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'dokument maħsub għal awtorita pubblika (Dwana) xjentement għamel dikjarazzjoni kew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;

Talli fid-dsatax t'Awissu 2013 u fil-ġranet li jsegwu ittanta jagħmel reat kontra l-ordni maħruġa mill-Maġistrat Dottor Doreen Clarke fid-29 ta' Diċembru 2008;

Talli ħalef il-falz quddiem in-Nutar Dottor Carmel Martinelli uffiċjal li għandu s-setgħa bil-liġi li jagħti l-ġuramenti;

Talli bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera' dan il-ħsieb b'atti esterni u tajt bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt li ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu.

Rat li matul is-seduta tal-21 ta' Marzu 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 8 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit stqarr li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat li l-Qorti bdiet tisma' l-provi f'dan il-każ u tirċievi d-dokumenti prodotti;

Rat li matul is-seduta tas-17 ta' Novembru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduċi;

Rat li matul is-seduta tat-27 ta' Frar 2015 l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Marion Camilleri tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż fis-sens illi għar-reati li għadu kif ammetta għalihom jista' jingħata piena ta' priġunerija kif ukoll pieni pekunjarji jew pieni alternattivi u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat id-digriet tagħha fejn hija kienet ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport dwar l-imputat ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat ir-relazzjoni ta’ Donnalise Livori preżentata minnha fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2015.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat u semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

***Ikkunsidrat : -***

Illi fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata da parti tal-imputat għall-imputazzjonijiet kontestati, din il-Qorti m’għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kontestati lilu.

***Deċide : -***

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 42(d) u 188 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll tal-Artikolu 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll tal-Artikoli 108(b) u 41(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali (miktuba hawnhekk skont kif jirriflettu l-imputazzjonijiet min-numru wieħed san-numru ħamsa imputati : -

(a) tasjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u l-ħames imputazzjonijiet stante li dawn ma humiex reati jew addebiti li jistgħu jiġu imputati bħala imputazzjonijiet ad hoc;

(b) issib lil Peter Lee Sammut mhux ħati tat-tielet imputazzjoni stante li mhix legalment sostenibbli fil-fattispeċje tal-każ u minnu tilliberah minn kull ħtija u piena;

(c) tiddikjara lil Peter Lee Sammut, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati bħala kompliċi fir-reat numru tnejn u awtur fir-reat imsemmi fir-raba' imputazzjoni u peress li hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, nonche tan-natura tar-reati kif ukoll tal-karattru tal-ħati jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa interess tas-soċjeta u tal-imputat li flimkien mad-dispost tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħati jitqiegħed ukoll taħt ordni imsemmi fl-Artikolu 11 tal-istess Kapitolu, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħati Peter Lee Sammut taħt ordni ta' probation u servizz, fis-sens illi : -

(a) tpoggi lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sena millum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Peter Lee Sammut jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet

mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha; u

(b) tqiegħed lill-istess Peter Lee Sammut taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitt siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikoli 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-Peter Lee Sammut bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom jinstab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Peter Lee Sammut.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-imsemmi Peter Lee Sammut kull sitt (6) xhur.

***Mogħtija illum id-29 t'April 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------